**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 26 TA' FRAR 2009**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR GRAZIELLA MUSCAT**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**

**KONTRA**

**RODERICK BARUN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Roderick Barun ta' 22 sena, bin missier mhux maghruf u Rita xebba Barun, mwieled Pieta nhar it- 30 ta' Jannar 1986, residenti fil- fond Maire Pullette

flat 6, Triq il- Bilbel, Qawra jew 71, Nag Triq San Gorg, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 75486(M);

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall- imputazzjonijiet;

Talli f’dawn il- Gzejjer, fix- xahar ta’ Gunju 2008 u fix- xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda cioe talli;

1) b’eghmil zieni, ikkorrompa lil Omissis 1, persuna taht l- eta’, u aktar talli;

2) fl- istess zminijiet u cirkostazni eccita, ghin jew iffalicita l- korruzzjoni tal- istess imsemmija minorenni ta’ taht l- eta cioe Omissis 1, u aktar talli;

3) fl- istess zminijiet u cirkostanzi, ippartecipa f’attivitajiet sesswali ma’ persuna taht l- eta cioe Omissis 1, u aktar talli;

4) fl- istess zminijiet u cirkostanzi assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni f’ Malta jew barra minn Malta bil- ghan li jaghmlu delitt f’ Malta li ghalih hemm il- piena ta’ prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l- Att dwar l- Istampa u aktar talli;

5) fl- istess zminijiet u cirkostanzi xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill- qliegh tal- prostituzzjoni ta' persuni ta' Omissis 2 u Omissis 1, aktar talli;

6) fl- istess zminijiet u cirkostanzi zamm jew ezercita' jew kellu sehem ma' ohrajn fl- ezercizzju tal- burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali, aktar talli;

7) fl- istess zminijiet u cirkostanzi f'Malta, ta' ordni lil haddiehor biex jghamel id- delitt; jew gieghel li d- delitt jsir b'mezz ta' rigali, weghdiet, theddid, maniggi jew eghmil qarrieqi, inkella b'abbuz t' awtorita' jew setgha, inkella li ta' struzzjonijiet biex isir id- delitt jew b'xi mod li jkun, xjentament ghen jew assista lill- awtur jew lill- awturi tad- delitt fl- atti li bihom id- delitt ikun gie kkunsmat jew xewwex lil haddiehor inkella sahhet il- volonta' tieghu/taghha sabiex isehh id- delitt, jew weighed li wara l- fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah u dan dwar ir- reat ta' zwieg meta kien jaf li l- unika skop tal- persuna, l-ohra fil- ikkuntrattar taz- zwieg kien li tinkiseb cittadinanza Maltija, jew il- liberta' ta' moviment f' Malta jew permess biex tahdem jew biex tirrisjedi f'Malta jew d- dritt li tidhol f' Malta jew id- dritt li tikseb kura medika f'Malta u aktar talli;

8) fl- istess zminijiet u cirkostanzi, hedded jew insulenta bi kliem lil Omissis 2;

ukoll talli sar recidiv b'sentenza definittiva tal- Magistrati ta' Malta datata 17 ta' Marzu 2003.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet maghmula u ppresentata mill-Prosekuzzjoni datata 12 ta' Frar 2009;

Semghet lill-abbli difensur tal-imputat, l-Avukat Dottor Giannella Busuttil, tittratta l-mertu tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta allegazzjonijiet li l-imputat ikkorrompa u ppartecipa f'atti sesswali ma' persuna minorenni, li ghex mill-qliegh tal-prostituzzjoni tal-istess minuri u ta' persuna ohra, li zamm burdell, li rrenda ruhu komplici fit-twettiq ta' reat, u li wettaq reati ohra konnessi. Mill-provi prodotti, il-Qorti tara li wahda biss mill-imputazzjonijiet giet ippruvata mill-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-ligi, u cioe' dik li l-imputat ghex fuq il-

qliegh mill-prostituzzjoni ta' zewg persuni. L-imputazzjonijiet l-ohra, fil-fehma tal-Qorti, jew ma rrisultawx soddisfacentement ippruvati, jew gew kontraddetti mix-xiehda stess prodotti. Ghar-rigward tal-ewwel tlitt imputazzjonijiet, ma gewx prodotti provi bizzejjed biex tinstab htija fl-imputat. Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni fuq dawn it-tlitt imputazzjonijiet ma waslux sal-grad rikjest mil-ligi, peress li x-xhud principali ma kienetx cara bizzejjed fix-xiehda taghha fuq dawn l-imputazzjonijiet. Ghar-rigward tar-raba', ma gew prodotti ebda provi konklussivi. L-anqas ma gew prodotti provi fuq is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjoni. Fuq l-addebitu tar-recidiva, apparti li ma giet prodotta ebda sentenza datata 17 ta' Marzu 2003, iz-zewg sentenzi l-ohra esebiti m'humiex applikabbli ghal dan l-addebitu. Wahda inghatat wara li l-imputat tressaq il-Qorti fuq dan il-kaz, allura zgur ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni, mentri l-ohra, li hija datata 26 ta' Mejju, 2008, tipprovdi ghall-piena ta' sentenza sospiza. Semmai, ghalhekk, kellu jigi imputat lilu li wettaq reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, izda din qatt ma giet indikata b'dan il-mod f'dawn l-atti. Ghalhekk l-addebitu tar-recidiva ma tistax tirrisulta.

Madankollu, il-hames imputazzjoni giet ippruvata sew u minghajr ebda dubju dettat mir-raguni. L-imputat kien qed jiehu vantagg shih mill-fatt li kien qed ighix ma' zewg tfajliet ta' eta' tenera, u kien ta' spiss iqabbadhom jaghmlu atti sesswali ma' rgiel ohra ghall-flus, liema hlas kien jippercepixxi l-maggor parti hu. F'dan ir-rigward, ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni kienu kollha konsistenti u konvincenti, l-aktar iz-zewg tfajliet li sfaw vittmi tal-imputat. Ix-xiehda taghhom giet ikkorroborata minn xhieda ohra u minn provi indizzjarji ohra, u l-Qorti ma tara ebda raguni ghalfejn m'ghandhiex temminhom f'dak kollu li qalu. In difesa, l-imputat ghazel li ma jixhedx,

haga li ghandu kull dritt li jaghmel, u sahaq fuq kontro-ezamijiet serrati tax-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni. Hu pprova jdahhal dubju f'mohh il-Qorti billi jnissel il-possibilita' li z-zewg tfajliet kienu qed jipprostitwixxu lilhom infushom minn jeddhom u ghax riedu, minghajr ma l-imputat qatt kellu jgieghelhom. Ix-xiehda taghhom, izda, tat stampa ta' fatti ben oltre dak li pprova jistabbilixxi l-imputat.

Fil-fehma tal-Qorti, u hawnhekk m'hix ser toqghod lura milli tfisser il fehemiet taghha fi kliem, hi haga meskina ghall-ahhar li persuna tiehu vantagg minn persuna ohra dghajfa u tabbuza minnha ghall-qliegh taghha stess, aktar u aktar meta dan l-abbuz jissarraf fi tfajla tbiegh il-gisem taghha – kontra r-rieda taghha – ghall-flus, u mbaghad izomm il-flus hu u jaghmel li jrid bihom hu. Huwa fost l-aktar livelli baxxi li persuna tista' taqa' meta tabbuza mid-dghjufija ta' persuna ohra b'dak il-mod. Ghalhekk biss, il-piena f'dan il-kaz ghandha tkun fil-massimu indikat mil-ligi, tenut kont ukoll iz-zieda bi grad ghall-addebitu tar-reat kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap 9. Huwa ta' ghajb ghall-imputat li ghamel dak iz-zmien kollu, ghal tal-anqas sitt xhur, ighix biss mill-isfruttament ta' zewg tfajliet. Kien ikun bil-wisq ahjar ghall-imputat kieku zamm ix-xoghol tieghu ta' mekkanik, milli approfitta ruhu minn zewg tfajliet u ghex minn fuq il-prostituzzjoni taghhom, kif fil-fatt ghamel.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 18, 203(1), 203A, 48A, 339(1)(e), 42(b) u (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikoli 7 u 8 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikolu 38(3) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati tal- hames (5) akkuza u ghaldaqstant tikkundannah ghal perijodu ta' tlett (3) snin prigunerija, li minnha ghandu jitnaqqas iz- zmien li ghamel taht arrest preventiv.

Il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tal- ewwel (1), it- tieni (2), it- tielet (3), ir- raba' (4), is- sitt (6), is- seba' (7) u t- tmien (8) akkuza u ghaldaqsant tilliberah minnhom.

Tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal- Artikolu 412 C favur Omissis u Omissis ghal tlett (3) snin.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**

**MAGISTRAT**